MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 379/2003

**E & M Meat Products Limited**

**vs**

**Jesmond Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm135.89) rappresentanti prezz ta' provista ta' laham/prodotti tal-laham mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici
Bl-ispejjes, inkluzi dawkk tal-ittra legali tas-27 ta' Jannar 2003, u bl-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ra r-rikors prezentat mill-konvenut fejn huwa talb is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li xtaq jikkuntesta il-kap tal-ispejjes peress li huwa kien effetwa l-pagament tas-sorte qabel ma nbdiet il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Martin Mizzi in rapprezentanza tas-sojeta' attrici li spjega li l-pagament tas-sorte gie effetwat wara li giet ntavolata il-kawza odjerna ghalkemm ic-'cheque' li permezz tieghu il-konvenut kien effetwa l-pagament relattiv kien datat antecedentement.

Illi mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici, u precizament mit-timbru postali fuq l-'envelope' li fih intbaghat il-pagament permezz ta' 'Cheque', t-Tribunal seta' fil-fatt jikkonstatata li l-pagament tas-sorte effettivament sar wara li giet intavolata l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------